MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 557/2007

**Talba Nru: 557/07VGD**

Paul & Rocco (Marsa) Limited (C2662)

Vs

Ruth Spiteri u Angelo Cassar.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm672) rapprezentanti import ta’ seba’ kambjali skaduti, accettati

u ffirmati mill-konvenuti, bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallas is-somma ta' sitt mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm672), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------